**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Numru 17

**Appell Nru. 31/2018**

**MFF Limited**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' MFF Limited tat-22 ta' Mejju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Mejju 2018 rigward enforcement notice 407/16 in konnessjoni mas-sit f'Munxar Reef off Xrob l-Ghagin l/o Marsaxlokk;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra
Qabel xejn it-Tribunal irid jiddeciedi dwar rikors maghmul mill-Awtorita' datata 30 ta' Ottubru 2017 fejn talbet l-isfilz ta' nota dokumentarja mressqa mill-Appellanti fis-27 ta' Ottubru 2017. L-appellanti argumentaw li din it-talba kienet frivola u vessatorja.

It-Tribunal jichad it-Talba tal-Awtorita' stante illi d-dokumenti relattivi jiffurmaw parti tal-case history tas-sit in mertu u ghalhekk it-Tribunal kien ikollu kull dritt li jirreferi ghalih bhala parti mill-ECF files relattiv.

Dwar l-aggravji relattivi (li maghhom huwa marbut) t-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:
L-EWWEL AGGRAVJU huwa li l-avviz inhareg mic-Chairman Ezukuttiv kien ultra vires stante illi ma kienux jezitu l-estremi fattwali u legali li jiggustifikaw il-hrug ta' tali avviz. Bhala fatt ma kien hemm ebda periklu imminenti lill-ambjent u fi kwalunwe kaz ma kellux x'jaqsam mal-izvilupp allegatament irregolari mertu tal-avviz.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa wiehed ibbazat fuq il-fatti ossia li ma kien hemm ebda periklu ghall-ambjent. L-appellanti ma gabu ebda prova sabiex juru li ma kienx hemm periklu. L-Awtorita' permezz tax-xhieda Ruth Ciarlo u Aimee Brincat ikkonfermat illi ilgageg kienu aktar minn dak permess, li kienu posizzjonijati f'post differenti minn dak permess u li ma kienx qed jigi sottomess rapport ta' monitoragg skond l-istess permessi.

Dawn it-tlett breaches, fl-opinjoni tat-Tribunal jikkostitwixxu periklu imminenti tali li wassal sabiex l-Awtorita' kellha ragun tohrog l-avviz n mertu. Il-fatt li zvilupp ta' tali entita' jikber bla permess u minghajr moniteragg jista jkun ta' periklu imminenti. Kienet prova li tispetta lilll-appellanti li tali breaches ma jimmeritawhom li jigu kkunsidrati bhala periklu.

Ghal-skanz ta' ekwivoku t-Tribunal hawn jaghmel riferenza ghal kundizzjoni nru 25 fil-permess relattiv fejn huwa mitlub li jsir moniteragg sabiex shall investigate the possibility of implimenting further measures to reduce environmental impacts resulting from this activity. Il-moniteragg kien parti essenzjali tal-permess mill-punto di vista ta' harsien tal-ambjent. In-nuqqas ta' rappurtagg kien wahdu breach perikoluz u imminenti ghall-ambjent.

Kif inghad, is-serjeta' tal-breaches kienu tali li l-avviz hareg korrettement u, fil-konfront tal-ewwel aggravju, ma kienux ultra vires.

IT-TIENI AGGRAVU kien illi il fatti fl-avviz kienu identici ghal dawk li gja hemm riferenza ghalihom fl-ECF 375/14 precedenti li minnha kien sar appell kif ukoll applikazzjoni biex tissana l-irregolaritajiet in kwistjoni. Ghalhekk l-mertu ghadu sub judice stante li l-Awtorita' ghazlet li ma tirtirax l-ewwel avviz.

Fl-opinjoni tat-Tribunal dan l-aggravju ma fihx mertu. Bejn l-ewwel avviz u t-tieni avviz ghaddew diversi xhur (sentejn) u rrizulta li mill-ewwel ghat-tieni avviz ma nbidel xejn fis-sens li dak li kien breach baqa breach. B'mod partikolari ghad-domandi bejn meta hareg l-ewwel avviz 375/14 u t-tieni avviz 407/16 l-operaturi ccaqalqu bil-kundizzjonijiet, tawkhom informazzjoni meta saru l-breach of conditions? Per ezempju bil-log book, videos irrispondiet m jidhirlix li nghataw, le. Ha nghid hekk ma

niftakarx.

Ghalhekk huwa car li l-ewwel avviz u t-tieni avviz certament illi parti mill-breach baqa ghaddej. Sahansitra gie konfermat ukoll flaffidavit ta' Ruth Ciarlo illi kien hemm divergenzi fin-numru, daqsijiet u posizzjoni tal-gageg kif ukoll nuqqas ta' sottomissjonijiet ta' monitoring records. Ghalhekk dak li rrizulta bhala stat ta' fatt kien li l-breaches relattivi zdiedu u fil-kaz tal-monitoring records dawn ma sarux.

Naturalment l-appellanti ghandu ragun f'sens legali illi gjaladarba jkun hareg enforcement notice mhux il-kaz li jinhareg iehor fuq listess mertu ghaliex hekk ikollok sitwazzjoni ta' sub judice jew addirittura ta' nebis in idem. Dan pero' ma japplikax ghall-appell in mertu ghaliex fattwalment irrizulta illi l-gageg zdiedu u l-moniteragg qatt ma sar.
Dan l-aggravju ghalhekk ma fihx mertu.

IT-TIELET AGGRAVJU huwa ukoll biex nghidu hekk procedurali fis-sens illi skond l-appellanti l-Awtorita' ma kellhix dritt li timponi multi fil-kaz odjern. Dana ghaliex, skond l-appellanti, l-imponibilita' tal-istess jiddependi minn sejbien ta' htija, minn Qorti u wara responsabbilta' skond il-ligi.

It-Tribunal ma jaqbilx mal-appellanti. L-ewwelnett il-ligi tal-Enfurzar hija mfassla tali sabiex l-Awtorita' bhala tali jkollha l-jedd li timponi l-multi. It-tieni, il-kwistjoni ta' sejbien ta' htija tapplika fil-ligijiet kriminali u mhux dawn amministrattivi bhal ma huma dawk in ezami.

Dana apparti l-fatt illi l-Awtorita' timponi multa fuq l-assersjoni taghha stess li hemm illegalita'. Din l-assersjoni temergi mill-Avviz ta' twettiq. L-avviz huwa dejjem impunjabbli minn min jircevieh u dana permezz ta' appell – bhal dak odjern. Il-multa ma tigix applikata jekk jirrizulta li dak li hemm indikat fl-avviz huwa inkorrett (jew jekk l-avviz innifsu huwa skorrett ghal xi raguni). Ghalhekk il-multi jigu applikati biss jekk ma jsir appell xejn jew jekk l-appell jigi michud. Hija ghalhekk kwistjoni ta' fatt.

Il-ligi tghid (Artikolu 3 tal-Avviz legali 276 tat-2012) (1) Where the Authority gives notice in writing to a person in accordance with article 86 or article 88 of the Environment and Development Planning Act in relation to an infringement carried out after the date of coming into force of these regulations, it shall also notify such a person that he shall be liable to a fine for every day after sixteen days from the date of notification of the notice as established and set out in accordance with the provisions of the Schedule to these regulations.

L-Awtorita' applikat dan l-artikolu korrettement fuq il-fatti li kellha quddiemha.

Ghalhekk it-Tielet aggravju huwa michud.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-appell interpost u jikkonferma L-Avviz ta' Twettiq b'Emergenza EC 407/16.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ma laqax l-ewwel aggravju ghax fil-fehma tieghu l-appellant kellu l-oneru tal-prova li ma kienx hemm periklu u ghalhekk l-avviz ta' enforzar hareg hazin. L-appellanti issostni li din il-prova kellha tingieb mic-Chairman Ezekuttiv biex tiggustifika l-hrug tal-avviz mhux bil kontra. It-Tribunal zbalja meta qies li l-ksur tal-permess specjalment dwar monitoragg kien jekwivali ghal periklu imminenti. Ic-Chairman Ezekuttiv ma gab ebda prova cara jew xjentifika tal-periklu ghall-ambjent u strah biss fuq dik li kien qed jinghad fil-mezzi tax-xandir u biex ikun konformi ma avvizi ohra ghal fish farms ohra. Ghalkemm ic-Chairman Ezekuttiv semma illegalitajiet ma ngabux provi ta' periklu imminenti. Wahda ma tekwiparax ma' ohra. Il-kondizzjoni 25 tal-permess iqis li l-attivita tal-fish farming ghandu impatt fuq l-ambjent u kwindi hu l-obbligu ta' min hareg l-avviz li jipprova l-periklu imminenti. Ghalhekk l-avviz mahrug kien jikkostitwixxi abbuz ta' poter billi l-poter u diskrezzjoni tac-Chairman Ezekuttiv li hareg l-avviz kellu jsir b'mod ragonevoli u b'ekwita;

2. L-aggravju tal-appellant kien li dan l-avviz kien identiku ghal dak ECF 375/14 li ghadu pendenti b'appell u applikazzjoni ta' sanzjonar. Ghalhekk il-mertu kien ghadu sub iudice. Skont it-Tribunal dan l-aggravu ma kellux mertu ghax bejn l-avvizi, il-gageg zdiedu u l-monitoragg qatt ma sar. L-appellant isostni illi l-Awtorita kien ikollha ragun kieku l-avviz hargitu mill-gdid u b'zieda mal-avviz l-iehor izda minflok harget iehor kompletament separat u ghalhekk kisret il-principji ta' ne bis in idem u nemo iudex in causa propria. Ma ingiebet ebda prova li ma sarx monitoragg u x-xhud kwotat mit-Tribunal ma kinitx certa dwar dak li kienet qed tixhed;

3. L-appellant sostna li l-Awtorita ma kellhiex dritt timponi multi ghax dan jiddependi minn sejbien ta' htija minn Qorti u wara dikjarazzjoni ta' responsabilita. It-Tribunal jghid li l-ligi tal-enforzar hi imfassla biex l-Awtorita jkollha jedd timponi multi u l-kwistjoni ta' sejbien ta' htija tapplika fil-ligijiet kriminali. L-appellant isostni li l-impozizzjoni ta' multi skont artikolu 3 tal-Avviz Legali 276/2012 hi illegali u tmur kontra l-Kostituzzjoni u dan kif deciz fil-kawza Federation of Estates Agents u Direttur Generali (Kompetizzjoni).

**L-ewwel aggravju**

L-appellant jissottometti illi t-Tribunal pogga l-oneru tal-prova li ma hemmx periklu imminenti fuq l-appellant. Qari tad-decizjoni juri li dan mhux minnu. It-Tribunal qies li kien hemm tlett nuqqasijiet ippruvati cioe kien hemm gageg aktar minn dak permess, kienu pozizzjonati f'post differenti minn dak permess u ma kienx qed isir rapport ta'

monitoragg skont l-istess permessi. It-Tribunal qies li dawn il-fatti kienu jikkostitwixxu periklu imminenti ghall-ambjent billi l-izvilupp zdied bla permess u ma kienx qed isir moniteragg obbligatorju. Il-kelma ‘ambjent’ fil-ligi tal-ippjanar hi wiesa hafna u tfisser it-totalita tal-elementi u l-kondizzjonijiet naturali jew maghmulin mill-bniedem ezistenti fid-dinja, sew flimkien jew izolati minn xulxin. Ghalkemm qabel dawn il-kostatazzjonijiet it-Tribunal ikkunsidra illi l-appellant ma gabx prova li dan il-ksur ma kienx jikkostitwixxi periklu li jista’ jissejjah imminenti pero din kienet semplicement ghazla ta’ kif imposta l-paragrafi tal-konsiderazzjonijiet l-istess Tribunal izda ma tfissirx illi l-avviz wahdu kien jikkostitwixxi prova minghajr il-bzonn ta’ verifika tal-fatt. Darba ivverifikat il-fatt li jikkostitwixxi vjolazzjoni, u li fil-fehma tac-Chairman Ezekuttiv kif konfermat mit-Tribunal fid-decizjoni dan kien jikkostitwixxi periklu imminenti ghall-ambjent, l-oneru imbaghad imur fuq il-parti milquta bl-avviz li twaqqa’ l-akkuza migjuba. It-Tribunal qies li mill-provi l-fatti gew pruvati u l-parti milquta ma gabitx prova kuntrarja. It-Tribunal ma qies li l-oneru tal-prova li l-periklu ma kienx imminenti kellha issir mill-appellant izda ikkunsidra li darba irrizulataw certi fatti li kienu ta’ serjeta li jitqiesu ta’ gravita tali li ghalihom inhareg l-avviz ghax l-ambjent kien qed jigi perikolat fl-integrita tieghu, kien jispetta lil appellant li jikkontrobatti dawn il-fatti u jipprova li ma kienx jikkostitwixxi periklu tali li ghalihom kien hemm in-necessita tal-hrug tal-avviz. Dan hu wara kollox l-oneru tal-prova li jispetta lil min hu rinfaccat b’fatti, li wahedhom minghajr ma jigi kontestat u meghlub, jikkostitwixxu prova tal-fatt li wassal ghall-azzjoni mehuda mill-Awtorita jew f’dan il-kaz ic-Chairman Ezekuttiv. Il-Qorti ma tindahalx fl-apprezzament tal-fatti maghmula mit-Tribunal u l-piz li jaghtihom ghal prova mehtiega biex tigi sodisfatta l-kelma tal-ligi. Il-Qorti tiddisturba biss il-konkluzzjonijiet tat-Tribunal fejn huma manifestament zbaljati. Hu minnu li dak li jikkostitwixxi ‘imminent danger’ ghandu jiftiehem bhala periklu serju ghall-ambjent li jekk ma jittiehdux passi immedjati d-dannu jista’ jkun gravi hafna. It-Tribunal ma ikkonkludiex illi c-Chairman Ezekuttiv strah fuq ‘hearsay’ biex qies li kien hemm periklu ghall-ambjent. It-Tribunal qies ix-xiehda tac-Chairman flimkien max-xhieda ta’ Ruth Ciarlo u Aimee Brincat. Aimee Brincat, Deputy Director mal-Awtorita tal-Ambjent u r-Rizorsi xehdet dwar spezzjonijiet li saru fejn gew notati illegalitajiet u diverzenzi mill-permessi. Izzid li ghamlet numru ta’ follow up inspections fejn ebda nuqqas ma gie rimedjat nonostante li kien inhareg l-avviz ta’ enforzar. Dan kollu gie konfermat ukoll min Ruth Ciarlo, ufficjal tal-enforzar.

Il-Qorti rat l-atti u x-xiehda kollha u jirrizulta li wara li inhareg l-avviz ta' enforzar ittiehdu certi passi ta' rettifika kif jixhed Kevin Gauci, ufficjal tal-infurzar li ghamel spezzjonijiet u li dahal fil-kwistjoni wara s-7 ta' Ottubru 2016 cioe kwazi xahar wara l-ordni tal-enforzar. Dan xehed pero li ebda rapport ta' moniteragg ma kien ghadu qed isir jew sar mill-ewwel avviz tal-2014. Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti mehuda li jinsabu fl-atti. Meta l-Qorti ikkonsidrat jekk il-konkluzjoni tat-Tribunal kinitx ragjoneveli fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti ma setghetx ma taqbilx mieghu. Il-kwistjoni kollha kienet, kif qal it-Tribunal u kif jissottometti l-appellant, jekk n-nuqqasijiet fil-permessi kienux tali li jinneccessitaw il-mizura mehuda b'emergenza mic-Chairman Ezekuttiv meta qies li l-avviz ta' enforzar kien mehtieg ghax kien hemm periklu imminenti. Wiehed irid iqis illi ghalkemm il-forma mentis ta' min qed johrog l-avviz trid tkun gwidata min verifika ta' fatti b'mod oggettiv, wiehed ma jridx jpoggi fil-genb illi dannu lil ambjent, jekk jipperdura bla xkiel jista' jkun irrimedjabbli. Dan jinghad anki fejn il-periklu jkun ghadu wiehed precepit u mhux fejn id-dannu hu gia kompjut. Meta t-tribunal qies li kien hemm trobbija ta' hut permezz ta' zieda illegali ta' gageg (fis-sens mhux koperti b'permess tal-Awtorita) u fejn, kif jammettu l-istess appellanti, minnha infisha, din l-operazzjoni tinvolvi certu piz negattiv fuq l-ambjent u b'zieda ma' dan, ebda moniteragg obbligatorju ma kien qed isir u anzi kien ilu jipperdura mill-2014, hi l-fehma tal-Qorti illi d-decizjoni ta' hrug ta' avviz b'ordni ta' emergenza kienet gustifikata u necessarja ghax l-ambjent ma kienx qed jigi monitorat u salvagwardat kif kien l-obbligu tal-appellant u dan mhux biss seta' jikkreja periklu imminienti, izda l-istess trapass ta' zmien konsiderevoli bla ebda moniteragg kien fih innifsu qed jikkreja periklu imminenti ghall-ambjent.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-avviz ma harigx b'mod abusiv u mhux b'mod ragonevoli u d-decizjoni tat-Tribunal hi sostanzjata b'ragunijiet fattwali li wasluh jikkunsidra li dawn kienu jikkostitwixxu periklu imminenti ghall-ambjent kif inhareg mic-Chairman Ezekuttiv.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju ghandu mis-sewwa pero in parte biss. L-avviz 375/14 semma l-ksur ta' kondizzjonijiet 3A, 4 u 7 tal-permess PA 2528/01 u dan rega' gie ripetut fl-avviz

odjern bla ma hemm indikazzjoni ta' xi tibdil bit-trapass ta' zmien bejn l-ewwel avviz u dan in kwistjoni. L-istess jinghad ghal kondizzjoni numru 6. Pero ghal bqija jidher li dawn jikkostitwixxu vjolazzjonijiet godda bit-trapass taz-zmien jew zieda ta' volazzjonijiet li ma kienux jezistu fi zmien l-ewwel avviz. L-ewwel avviz jidher li ghadu soggett ghal appell u hemm xi applikazzjoni ta' sanzjonar. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant hu misthoqq biss ghal dawk il-kondizzjonijiet gia miksura u milquta bl-avviz 375/14 cioe dawk bin-numri 3A, 4, 7 u 6 u ghandhom jigu dikjarati bhala nulli u bla effett, billi ma hu indikat ebda fatt gdid li jikkostitwixxi vjolazzjoni gdida izda jidher biss li hi vjolazzjoni kontinwata li ma timmeritax il-hrug ta' avviz mill-gdid. Ghal bqija l-avviz hu korrett u ma hemm ebda raguni ghaliex ma ghandux jibqa' japplika soggett dejjem ghad-drittijiet spettanti lil appellant skont il-ligi.

**It-tielet aggravju**

F'dan l-aggravju l-appellant qieghed effettivament jattakka l-kostituzjonalita ta' ligi u dan mhux il-forum idoneju biex jigu konsidrati u decizi dawn l-ilmenti, apparti li f'dan il-kaz, hi l-fehma tal-Qorti li ghandu jiddahhal ukoll l-Avukat Generali bhala parti la darba l-appellant qed jallega li l-Att 276/2012 qed jilledi d-drittijiet tieghu skont il-Kostituzzjoni. Ghalhekk il-Qorti qed tasjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju, salv id-dritt tal-appellant li jirregola ruhu a rigward fil-forum idoneju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' limitatament l-appell ta' MFF Limited billi tiddikjara nulla u bla effett l-avviz ta' enforzar 407/16 safejn jirrigwarda allegati vjolazzjonijiet tal-kondizzjonijiet 3A, 4, 7 u 6 tal-permess 2528/01 billi gia koperti bl-avviz ta' enforzar precedenti u tikkonfermah ghal bqija tieghu, u tichad il-bqija tal-appell tal-appellant salv ghal dak li nghad rigward it-tielet aggravju fejn id-drittijiet tal-appellant jibqghu impregudikati. Spejjez jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur